

Paġna ewlenija>Sib professjonist legali>Medjaturi

Medjaturi

Estonja

Din it-taqsimha se tgħinek issib medjatur fl-Estonja.

L-Estonja ma għandhiex sit web jew bażi tad-*data* ġenerali dwar il-medjaturi. Skont l-Att dwar il-Konċiljazzjoni, kull min jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Att jista' jwettaq il-funzjonijiet ta' konċiljatur. Ma hemm l-ebda monitoraġġ mill-Istat tal-attivitajiet tal-konċiljaturi.

Skont l-Att dwar il-Konċiljazzjoni, dawn li ġejjin jistgħu jkunu konċiljaturi:

persuna fiżika fdata mill-partijiet biex twettaq il-proċedura ta' konċiljazzjoni u biex tgħin f'ħalli tissolva t-tilwima. Il-konċiljatur jista' jaġixxi permezz ta' persuna ġuridika li jkun impjegat magħha jew li magħha jkollu relazzjoni kuntrattwali oħra;

avukat – il-lista tal-membri tal-Kamra tal-Avukati Estonjana tinsab fis-[sit web](#) tagħha;

nutar – lista tal-uffiċċji tan-nutara tinsab fis-[sit web](#) tal-Kamra tan-Nutara;

fil-każ stabbilit fl-Att dwar il-Konċiljazzjoni, korp ta' konċiljazzjoni tal-Istat jew tal-gvern lokali.

Xi tilwim relatat mad-drittijiet tal-awtur (ara [l-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur](#)) jiġi solvut minn kumitat ta' esperti fid-drittijiet tal-awtur li jwettaq il-funzjonijiet ta' konċiljatur. Dan il-kumitat ġie stabbilit taħt il-Ministeru tal-Ġustizzja.

Għalkemm il-kunċett ta' "ombudsman" ma jintużax fl-Att dwar il-Kanċillier tal-Ġustizzja, il-Kanċillier tal-Ġustizzja jwettaq ukoll il-funzjonijiet ta' ombudsman, meta jimmonitorja jekk l-aġenziji tal-gvern humiex konformi mad-drittijiet u mal-libertajiet fundamentali tal-persuni kif ukoll mal-prinċipji tal-governanza tajba u anki jimmonitorja lill-gvernijiet lokali, lill-persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt pubbliku u lill-entitajiet privati li jwettqu funzjonijiet pubbliċi. Mill-2011 'il quddiem, il-Kanċillier tal-Ġustizzja wettaq ukoll il-funzjonijiet tal-ombudsman għat-tfal skont l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Tista' ssib iktar informazzjoni fis-[sit web](#) tal-Kanċillier tal-Ġustizzja.

Is-soluzzjoni tat-tilwim industrijali kollettiv hija l-funzjoni tal-Konċiljatur Pubbliku, u tista' ssib iktar informazzjoni fis-[sit web](#).

Tista' wkoll tikkuntattja l-organizzazzjonijiet nongovernattivi li ġejjin:

L-Unjoni Estonjana għall-Benessri tat-Tfal hija assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ li tappoġġa d-drittijiet tat-tfal. L-attivitajiet tagħha jinkludu l-ġoti ta' pariri lil ġenituri li jixtiequ jisseparaw jew jiddivorzjaw, billi tinkoraġġihom jużaw is-servizzi tal-konċiljaturi sabiex jiproteġu l-interessi tat-tfal tagħhom. L-Unjoni organizza sessjonijiet ta' taħriġ dwar is-suġġett tal-medjazzjoni tal-familja.

L-Assoċjazzjoni Estonjana tal-Assigurazzjoni waqqfet korp ta' konċiljazzjoni tal-assigurazzjoni biex jittratta r-riżoluzzjoni ta' tilwim dwar l-assigurazzjoni barra mill-qorti. Formalment, dan huwa konċiljatur u mhux korp ta' konċiljazzjoni skont it-tifsira tal-Att dwar il-Konċiljazzjoni.

L-Uffiċċju Estonjan tal-Assigurazzjoni tal-Vetturi bil-Mutur waqqfet korp ta' konċiljazzjoni tal-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur biex jittratta r-riżoluzzjoni ta' tilwim dwar l-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur barra mill-qorti. Formalment, dan huwa konċiljatur u mhux korp ta' konċiljazzjoni skont it-tifsira tal-Att dwar il-Konċiljazzjoni.

Fl-Estonja, il-medjaturi tal-familja huma attwalment rappreżentati mill-**Assoċjazzjoni Estonjana tal-Medjaturi** u l-**Istitut tal-Medjazzjoni**.

L-aħħar aġġornament: 11/05/2021

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.